KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 70

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 70 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 9 ta' Novembru 2023, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut 2 ta'Novembru,2023
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Online

- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier

Skużat

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**70.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill irċieva notifika ta'apoloġija mingħand il-Kunsillier Paul Bugeja

**70.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (69)**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti 69 bil-Kunsillier Daryl Connor jissekonda l-mozzjoni.
Il-minuti ġew approvati nem.con kif tressqu.

**70.3 Punti mill-Minuti**

- ***Kampanja kontra l-Influwenza Staġjonali 2023-24***

*Kien hemm 59 persuna li bbenifikaw mis-servizz mogħti mill-kunsill.*

**70.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

- ***Bord ta' l-Aġudikazzjoni Sejħiet Pubbliċi*** - Il-kunsill approva li Elke Sghendo tkun membru fuq il-Bord minflok Robert Ciantar u li jiġu reaffermati l-kumplament tal-membri tal-Bord li huma; Adrian Mifsud Chairman,Marico Sammut, Charles Galea, Romina Perici Ferrante, Perit EMDP. Il-kunsill irringrazzja lis-Sur Ciantar għas-servizz tiegħu.
- ***Tender knies u tindif fil-lokalita'***- se jiġi aġġudikat fil-jiem li ġejjin; intefaw 4 offerti, bl-inqas prezz €156,832 u l-għola €248,144.
- ***Bus stop f'Burmarrad*** - Is-Sindku nforma, li Infrastruttura Malta qablu mall-proposta tal-kunsill biex ic-centre strip fi Triq Burmarrad fejn hemm il-bus stop prezenti tiġi spustjata ftit u bhekk tal-linja ma tibqax ittellef it-traffiku milli jiba għaddej liberalment. Is-suġġeriment se jitressaq għad-diskussjoni fil-Kumitat ta' Ġestjoni tat-Traffiku ta' TM.
- ***PA/02294/23 Kjosk Triq il-Mosta*** - L-Awtorita ta' l-Ippjanar irrifjutat l-applikazzjoni biex il-Kjosk jinbidel għal take away.
- ***Kunċert tal-Milied 'Joy to the World'***- Il-kunsill approva li jikkolobora mas-Soċjeta Mużikali San Pawl biex flimkien ma diversi entitajiet u negozji oħra jittella kunċert tal-Milied fit-22 ta' Diċembru 2023 fil-knisja parrokjali bi spiża ta' €300.

- ***Qawra Community Christmas Fair u Christmas Parade***

  *Id-dati relatati mall-Qawra Community Christmas Fair u Christmas Parade huma 15,1617 u 17,18,19,20,21 rispettivament.*

- ***PA4577/22 Amazonia Beach Club*** *– 8/11/2023 il-kunsill reaffirma l-pożizzjoni tiegħu dwar l-oġġezzjoni għall-applikazzjoni għall-fatt li l-iżvilupp propost se jiġi estizz għal livell tat-triq bil-bini ta' żewġ restorants u struttura li tipprovdi aċċess għall-lift. Oġġezzjona ukoll għall-fatt li l-foot print tal-bini eżistenti se tiżdid.*

  Jirriżulta, li l-Awtorita' ta' l-Artijiet approvat, mingħajr konsultazzjoni mall-kunsill, li liż-żvilupp inkwistjoni jimpinġi fuq l-art taħt bankina pubblika li r-risponsabilita' tagħha taqa' taħt il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. Intqal ukoll, li fl-applikazzjoni jissemmew 2 kjosks. Ma dan kollu l-applikazzjoni ġiet assessjata fuq 2 restorants li huma kompletament differenti. L-applikazzjoni ġiet diferita għat-28 ta' Novembru 2023.

  Il-kunsill qabel li l-avukat tal-kunsill jintalab jagħti parir dwar din l-applikazzjoni wara li jirreferi għall-kawża fil-qrati ta' Malta fejn huwa magħruf li l-istess kunsill kien rebaħ każ dwar il-kjosk fil-pjazza ta' Buġibba għal fatt li għandu "Locus Standi"legali.

- ***PA 4935/21*** *Triq is-Sardin c/w, Triq San Gwanni Pawlu II, Burmarrad*

  *Proposed basement level as parking of heavy vehicles & machinery Class 6a to existing approved PA5374/08, Proposed re- design of approved development.*

  9/11/2023 – Ġie approvat il-permess għal żvilupp ta' bini fuq art agrikola minkejja li tressqu diversi oġġezzjonijiet, minkejja li Triq is-Sardin baqgħet ma nfetħitx u għalkemm reġa għal darba oħra saru diversi xogħolijiet illegali.

**70.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
Ma tressqet l-ebda mistoqsija mill-kunsilliera.

**70.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

<u>*Traffic Management Report*</u>

Saret rappreżentazzjoni u diskussjoni dwar ir-rapport "Immaniġġjar tat-Traffiku fil-lokalita". Il-kunsill approva nem.con li r-rakomandazzjonijiet imressqa mehmuża ma dawn il-minuti jgħaddu għall-approvazzjoni ta' Transport Malta biex jiġi mplimentat mill-aktar fis possibbli. Kien hemm qbil li l-implimentazzjoni ssir fi 3 fażijiet; tinbeda fil-Qawra, wara Buġibba u aktar tard San Pawl.
Il-kunsill irringrazzja lir-Reġjun Tramuntana għal assistenza u lis-Sur Bjorn Bonello li ħejja r-rapport.

**70.7 Laqgha Annwali**

Il-kunsill approva li l-laqgħa tinżamm it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2023 fil-18.30 hrs.

**70.8 Ħruġ ta' RfQ's**

Il-kunsill approva nem.con li RfQ's marbuta ma l-uniformijiet u mal-Health & Safety Officer li qed jieħu ħsieb il-proġetti jiġu mġedda minkejja li nqabeż il-limitu. Dan għall-fatt li ma jagħmilx sens li jerġaw jinħarġu RfQ's ġodda.

**70.9 Proposta Ġih San Pawl il-Baħar**

Il-kunsill approva li fl-2024, possibilment tittella attivita li permezzz tagħha jiġu rikonoxxuti persuni li wettqu ħidma favur il-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar.
Il-Kunsillier Paul Bugeja ma qabilx mal-proposta.

**70.10 Affarijiet Oħra**

*70.10.1* ***PC/0031/22*** *Triq ir-Rizzi & Brankutli - Change of zoning – Increase in height and site coverage and conditions (as per policy NWSP11) of the North West Local Plan*
*Il-kunsill qabel li tiddaħħal oġġezzjoni. rappreżentazzjoni*

*70.10.2* ***Ikla ta' kull Sena***

Il-kunsill approva li ssir l-ikla ta' matul is-sena.

*70.10.3* ***Xiri ta' apparat tal-Catlisthenics***

Il-kunsill approva li tinħareġ sejħa pubblika biex jiġu mixtrija u nstallati apparat tal-Catlisthenics. Baġit sa massimu ta' €20,000.

*70.10.3* ***Bognor Beach Aquatic Sports Club - kuntratt tal-pitch***

Il-kunsill approva nem.con r-Riżoluzzjoni Speċjal mressqa mis-Sindku Alfred Grima u ssekondata mill-Viċi Sindku Carlos Zarb li titlob, li skond id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 23 (1) ta' l-

ordnijiet permanenti tiġi rrevokata d-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa 67, item 67.11, li nżammet fit-3 ta’ Awwissu, 2023 u li l-kunsill imexxi bil-ftehim skond l-istess Riżoluzzjoni Speċjali.

**70.11 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizz**

*70.11.01* ***Invoice Ref: 531037 Indri Attard***

Il-kunsill approva l-ħlas ta’ €1,000 (invoice 531037) bħal depożitu akkont tal-prezz relatati ma xogħolijiet ta’ żewġ bust.

*70.11.02* ***Ħarġa għal anzjani***

Is-Sindku Alfred Grima ssekondat mill-Kunsilliera Antoinette Bezzina ippropona li l-kunsill jissussidja b’€5 il-prezz ta’€7.50 tal-ħarġa għal anzjani b’ID fuq il-lokalita li se tinżamm fis-7 ta’ Diċembru 2023 u li jagħmel tajjeb ukoll għat-trasport.
Il-kunsill approva nem.con.

*70.11.03 Kiri u/jew xiri ta’ Vetturi*

Il-kunsill approva nem.con mozzjoni mressqa mis-Sindku Alfred Grima ssekondata mill-Kunsillier Alfred Bray biex il-kirja taż-żewġ vetturi kummerċjali jiġu mġedda u li jinħareġ tender għax-xiri tagħhom.

**70.12 Approvazzjoni ta’ l-Iskeda tal-pagamenti Nru 10**

Il-Kunsilliera Antoinette Bezzina u Alfred Bray ippropenew u ssekondaw rispettivament li lis-skeda tal-pagamenti tiġi approvata. Il-kunsill approva nem.con.

**70.13 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-20.10 hrs u aġġornata għat-Tlieta 12 ta’Diċembru 2023 fil-16.00 hrs.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Alfred Grima | Marico Sammut |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |